*-relazzjoni ġuridika, tifsir ta'*

*- parametri posti mill-causa petendi*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-22 T'OTTUBRU 2019.**

**RikorsNru. 1093/2018GM**

**E.L.V. Engineering Services Limited (C18028)**

**vs**

**Anthony Mizzi (K.I. 181360M) u Maria Louise Mizzi (K.I. 0264063M)**

**il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' E.L.V. Engineering Services Limited li permezz tiegħu, abbażi tal-premessi:

*i.* Illi s-soċjeta' rikorrenti ħallset lill-intimat Anthony Mizzi is-somma globali ta' disgħa u ħamsin elf, erbamija sitta u tmenin Ewro**(€59,486.00c)** f'erba' pagamenti kollha magħmula f'Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), kif jirrizulta mill-irċevuti relattivi li qed jiġu annessi u mmarkati bħala **Dokumenti ELV1** sa **ELV4**, liema pagamenti saru versu x-xiri u konsenja ta' prodotti tax-xorb ossia, *inter alia*, *Coca-Cola* u *Red Bull*, u liema prodotti kellhom jiġu debitament

konsenjati mill-intimat Mizz ilis-soċjeta’ rikorrenti fi zmien utli u li pero qatt ma ġew konsenjati u użati minnhom.

*ii.* Illi minkejja l-fatt li l-ħlas sar dawn l-imsemmija prodotti baqgħu qatt ma ġew konsenjati lis-soċjeta’ rikorrenti u l-intimati Mizzi baqgħu inadempjenti fl-obbligi intrapriżi minnhom favur is-soċjeta’ rikorrenti.

*iii.* Illi s-soċjeta’ rikorrenti nterpellat lill-intimati diversi drabi sabiex jirrifondu l-ammont in kwistjoni ta’ €59,486.00c, saħansitra b’ittra uffiċjali tad-19 ta’ Jannar 2017, ref. nru. 194/2017, li kopja legali tagħha qed tiġi annessa u mmarkata bħala **“Dokument ELV5”**, izda dawn baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawza.

*iv.* Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u safejn jaf l-esponenti l-intimati m’għandhom l’ebda eċċezzjoni valida x’jagħtu in konnessjoni mat-talbiet attriċi.

Talbu l-Qorti a tenur tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tas-soċjeta’ rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom sabiex iħallsu u jirrifondu lis-soċjeta’ rikorrenti s-somma €59,486.00c oltre l-imgħax legali mit-28 ta’ Settembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta’ Jannar 2017, Dokument ELV5, u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju nru.____/2018 li qed jiġi prezentat ma’ din il-kawza;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. M'għandhomx relazzjoni ġuridika mas-soċjeta attriċi;

2. It-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjez kontra s-soċjeta attriċi u dan stante li mhux minnu li s-soċjeta attriċi ordnat il- merkanzija mingħand l-esponenti u mhux minnu li l-intimati jew xi hadd minnhom ħadu l-inkarigu jew l-izbriga li jikkonsenjaw xi merkanzija lis-soċjeta' attriċi;

3. Semmai kif għandu jirrizulta n-negozju li għamlet is-soċjeta' attriċi jew rapprezentant tagħha kien ma terzi persuni u llum għaliex dak in-negozju ma rnexxiex is-soċjeta attriċi qegħda tipprova tirkupra l-flus mingħand l-intimati;

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Provi u Riżultanzi**

Verzjoni tal-attur

a) Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta erba' irċevuti[1]:

i) irċevuta maħruġa minn Anthony Mizzi fit-12 ta' Settembru 2015 li turi li rċieva l-ammont ta' €24,486 b'ċekk numru 2988 HSBC u €23,000 fi flus kontanti għal-

[1] Dok ELV1 a fol 5 sa Dok ELV 4 a fol 8.

ammont totali ta' €47,486 sabiex tkopri fattura bin-numru 2715MLT1 għal 20,136 kaxxa kull waħda tesa 30 bott tal-Coca Cola mingħand E.L.V Engineering Services Ltd. Hemm il-firma ta' Mizzi u ta' Buttigieg għan-nom ta' E.L.V Engineering Services Ltd.[2];

ii) irċevuta maħruġa fis-17 ta' Settembru 2015 mingħand Mizzi għall-ammont ta' €4,000 fi flus kontanti bħala ħlas parzjali għal-kontenituri ta' Red Bull minn naħa ta' E.L.V. Engineering Services Limited. Buttigieg iffirma għan-nom tal-kumpanija attriċi[3];

iii) irċevuta maħruġa fit-22 ta' Settembru 2015 mingħand Mizzi għal-ammont ta' €3,000 li rċieva mingħand s-soċjeta attriċi bħala ħlas parzjali għal-kontenituri ta' Red Bull. Buttigieg iffirma għan-nom tal-kumpanija attriċi[4];

iv) irċevuta maħruġa minn Marie Louise Mizzi, mart l-konvenut fit-28 ta' Settembru 2015 għas-somma ta' €5,000 mingħand Anthony Buttigieg. Hemm biss il-firma ta' Marie Louise Mizzi;[5]

b) Illi l-attur għalhekk qed jippretendi l-ammont globali ta' €59,486. Huwa jixhed illi dawn il-flus kienu jirrigwardaw negozju ta' mportazzjoni ta' xorb bħal Coca Cola, Redbull u Pepsi li kien daħal ma' ċertu Larisa Lanina mir-Russja permezz ta' *facebook*. Kienet qaltlu li Malta għandha aġent ċertu Anthony Mizzi u li kellu jgħaddi l-pagamenti lilu. Jgħid illi l-fattura maħruġa lilu jista' jkun li kienet bejnu u bejn il-kumpanija Global Tech[6]. Illi l-imsemmija fattura datata 3 ta' Settembru 2015, li ġiet ippreżentata mill-konvenut u mhux mill-attur, fejn turi li ġiet maħruġa min-naħa ta' xi persuna jew kumpanija miktub biċ-ċiriliku filwaq li l-indirizz elettroniku huwa 'larlanina@yandex.com."[7] Isfel hemm il-firma ta' Anthony Mizzi '*representing seller*' kif ukoll Anthony Buttigieg għan-nom tal-attriċi;

---

[2] Dok ELV1 a Fol 5.
[3] Dok Elv 2 a fol 6.
[4] Dok Elv 3 a fol 7.
[5] Dok ELV 4 a fol 8.
[6] Fol 106.

[7] Dok AM2 a fol 106.

Isemmi li l-prezzijiet kien jakkordhom kemm ma' Mizzi u kemm ma' Lanina. Jikkonferma illi għall-bidu għamel il-kuntatti u n-negozju ma' Lanina iżda mbgħad dejjem ikkomunika ma' Mizzi. Ġara illi l-flus għaddihom lil Mizzi iżda l-prodotti li suppost kellu jirċievi mingħand ir-Russa baqa' qatt ma rċiviehom. Għall-bidu Lanina kienet qaltlu illi Mizzi kellu jibgħat il-flus permezz ta' l-HSBC iżda Mizzi kien qallu li ma bagħtilha xejn għax kien se jiltaqa' magħha u jtihomlha f'idejha. Mizzi qatt ma tah dokumenti jew irċevuti li juru li ta l-flus lil Lanina. Larisa Lanina sparixxiet u ma baqalu l-ebda kuntatt magħha u wara erba' snin li ġara dan, fetaħ dawn il-proċeduri kontra l-konvenuti;

ċ) Illi waqt il-kontro-eżami, l-attur jispjega aktar fid-dettal kif sar jaf lil Lanina. Rigward il-konoxxenza tiegħu magħha jgħid illi din kienet taħdem ġo kumpanija. Ħabib tiegħu qallu illi din ikollha ħafna *bargains* tajbin u kien ikkuntatjaha biex jordna xi affarijiet iżda kienet infurmatu li mhux possibbli għax kienu ammonti kbar ħafna. Sussegwentament kienet fetħet għal rasha u ikkomunikat miegħu hi billi bagħtitlu messaġġ fuq *facebook* – "*Hello my friend Anthony*" filfatt il-kopji tac-*chats* eżebiti mill-konvenut hekk jibdew. Kienet qaltlu illi Malta hemm ċertu Anthony Mizzi li kienet taħdem miegħu u jgħid illi wara kien ikkuntatjah Mizzi;

Meta ġie suġġerit lilu illi fil-verita n-negozju kollu kien għamlu ma' Lanina, l-attur ma qabilx u baqa' jsostni illi n-negozju għamlu mat-tnejn li huma. Meta rinfaċċat bit-test tac-*chats* fejn qed jitratta l-prodotti tan-negozju kien evażiv u b'xi mod jew ieħor ma rrispondihex id-domandi magħmulha lilu. Fil-kopja tac-*chats* kien hemm diversi istanzi fejn juru li l-attur innegozja ma' Lanina u magħha kien isir il-ftheim dwar il-prezzijiet: "*Regarding the herbalife, can you confirm the exact price for Michael?"*[8] Lanina tirrispondi illi l-Herbalife huwa ħamsa u ħamsin elf imma lilu tbiegħulu tlieta u erbgħin elf.[9] Reġa staqsiha fuq il-prezzijiet darb'oħra "I have a few suppliers and will make a list what they need. you confirm the prices and we take off. "[10]; Rigward prodott tal-Bebelac tgħidlu "*box of 12 I can give it to you €1.65. In container we can put 3,300 boxes so every container cost €5445 + €1300.*"[11] ; "*Bounty box of 24 red or blue big size €1.70. Nutella*

[8] Fol 36, 29/09/2015 fl-16.22.
[9] Fol 39.
[10] Fol 46, 2/10/2015 fl-10.26.
[11] Fol 60.

*350g box of 12  €1.85."*[12] ; "*Iphones can go for €375. Ipads can go for €298. TV curve 42" €1,600*"[13];

d) illi rigward il-€5,000 illi ta lil konvenut u hallihom mal-mara tiegħu, jgħid illi dawk għaddihom għax kien baqa l-vojt fil-*container* u ried jimlih b'aktar *whisky*. Jgħid illi mhux vera nnegozjaw xi deheb li kien se jitpoġġa fil-*container*. Rinfaċċat bil-parti tac-*chats* fejn Lanina qed tgħid illi hemm id-deheb jgħid illi dak id-deheb kien għal Mizzi u talbitu jgħinu jgħaddih mid-dwana. Qaltu li kollox se jkun legali u li hemm d-dokumenti kollha lesti u jgħid illi huwa ma ħareġ l-ebda flus għal dan id-deheb. Mistqosi għaliex id-dokumenti tas-*shipping* ma talabhomx lil Mizzi la anke' ma' Mizzi kien qed jinegozja, iżda talabhom lil Lanina jgħid li hi kienet il-persuna li ppakjat il-*container*s u kompla jsostni li n-negozju għamlu mat-tnejn li huma. Rigward id-dokumenti tas-shipping kienet se tibgħathomlu hi direttamentu mhux tibgħathom lil Mizzi u mbgħad jgħaddihomlu[14];

Fil-verżjoni ta' qabel, l-attur stqarr illi lil Lanina ma kienx jafha u kien avviċinah Mizzi biex jikkonvinċih biex iġib xi affarijiet minn barra u filfatt in-negozju għamlu Mizzi, pero fil-kontro-ezami stqarr illi n-negozju għamlu mat-tnejn li huma. Mistoqsi liema verżjoni hija dik veritiera jgħid illi kienet Lanina li ikkuntatjatu u qaltlu li kienet qed taħdem ma' Mizzi ġewwa Malta. Kienu qed jikkomunikaw kwazi kuljum u l-ħin kollu. Fic-*chats* l-attur kien kitbilha '*I feel really good Larissa about our business. I see such a good future*."Jgħid illi c-*chats* ma ppreżentahomx għax il-profil tiegħu fuq *facebook* ġie imblukkat u dawn tħassru. Skontu c-*chats* illi ġew esebiti mill-konvenut hemm ammont ta' messaġġi li huma mħassrin u filfatt immarka fejn kien hemm nieqes. Meta mistoqsi illi fejn ma mmarkax li hemm in-nieqes jirriflettu l-verzjoni reali, jgħid illi ma jistax jgħid għax m'għandux kopja ma xhiex iqabbel u lanqas jaf jgħid x'kien hemm nieqes fejn immarka. Wasal għal konklużjoni li huma mbgħabsa għax kull mhemm l-*icon* bir-ritratt tal-profil tiegħu tiegħu bil-ħin u data u kliem

[12] Fol 75 07/10/2015 fis-13.47.
[13] Fol 102 10/10/2015 fit-15.14.
[14] Fol 42.

xejn. Jikkonferma illi x-xogħol kellha tibgħatulu Lanina minn barra u li Mizzi kien jaf eżattament x'kien għaddej bejniethom;

Verzjoni tal-konvenut

e) Illi l-konvenut jgħid illi huwa qatt ma nnegozja jew xtara prodotti f'isem l-attur jew il-kumpanija attriċi iżda huwa kien biss iwassal il-flus lill-imprenditur u ċjoe lil Lanina.

Illi l-konvenut jibda' biex jgħid illi huwa kien ħbieb ma' Larisa Lanina fuq *facebook* u din kienet tirreklama xi xorb u prodotti teknoloġici bi prezzijiet tajbin iżda kienet tbiegħhom bl-ingrossa biss. Darba minnhom kienet qed tirreklama *air condition unit* u huwa kellu bżonn wieħed imma peress li Lanina kienet tinnegozja biss fi kwantitajiet kbar, staqsa lil persuna li dak iż-żmien kellu blokka appartamenti u meta avviċinah qallu li hu xtaq jieħu għaxar *units*. Fthemu li jixtru erbatax-il unit għal prezz ta' €9000. L-għada bagħtilha €3000 bil-*Western Union* fuq l-isem ta' Olga Vladimirova Lyubimova, destinazzjoni Russja. Wara xi żmien staqsiha meta għadu jirċievi l-konsenja iżda hija rrispondiet illi l-*container* tal-*air conditions* preferiet tbiegħu sħiħ. Talabha l-flus lura iżda ma aċċettatx u qaltlu li biex jirċiviehom ried jagħmel dak li kienet se tgħidlu hi;

f) Fid-9 ta' Settembru 2015, Lanina qaltlu biex jiftaħ kont tal-bank u jibgħatilha d-dettalji. L-għada fuq ic-*chat* li kellu ma' Lanina, kienet kitbitlu li ċertu Anthony Buttigieg kellu jikkuntatjah. Fthemu għat-12 ta' Settembru 2015 biex jiltaqgħu ġewwa l-uffiċċju ta' Buttigieg u dan tal-aħħar staqsih jekk hux se jibda jaħdem miegħu biex jibda jimporta xi xogħol mingħand Larissa. Il-konvenut wera d-dubbji tiegħu dwar din Lanina iżda l-attur serraħlu rasu li jekk jiġri xi ħaġa kellu post li seta jagħmel tajjeb jekk ikun hemm telf ta' qligħ;

Illi l-attur kien mar għand il-konvenut fid-data mifthema u għaddielu €23,000 fi flus kontanti u ċekk ta' €24,486 u dan biex jgħaddihom lil Lanina sabiex tibgħatlu żewġt *container*s Red Bull u tnjen oħra Coca Cola. Dan il-prezz kien jinkludi t-transport. Ikkuntatja lil Lanina sabiex jgħarrafha illi l-flus tal-attur kienu jinsabu

għandu. Għarrfitu li l-intenzjoni tagħha kienet illi tixtri propjeta Malta biex isservi għal-skola tal-Ingliż u li l-attur ġia kien jaf kollox u kien offra li jżommilha l-għamara ġo store minn tiegħu. Il-partijiet marru flimkien jaraw diversi propjetajiet li kellhom potenzjal għal din l-iskola tal-ingliż iżda ma sar ebda xiri. Lanina għarrfithom illi kienet se tkun Malta bejn il-15 sal-21 ta' Ottubru 2015. Għarrfet lil konvenut illi kellu jitla Sqallija biex jgħaddi l-flus kontanti lil terza persuna ċertu Pietro Tetro iżda l-konvenut m'aċċettax u allura fthemu illi fl-17 ta' Settembru fl-għaxra ta' filgħodu kellu jkun quddiem l-għassa tal-Mellieħa biex jiltaqa' ma ċertu Ludemila Kolsova u jgħaddi l-flus lilha. Sadantitant l-attur reġa għamel ordnijiet oħra barra dawk mifthema u Lanina talbitu €7,000 oħra iżda l-attur ma kellux dak l-ammont għalhekk l-konvenut offra illi joħroġ €3,000 minnhom hu;

Illi l-ammont totali li kellu jgħaddi lil Lanina kien ta' €54,486 iżda hi ordnatlu biex mill-flus li kien se jagħtiha, iżomm €4,486 minnhom ħalli jiġi kumpensat ta' dawk l-airconditions li kien ordna iżda qatt ma wasslu u għalhekk kien baqa bilanċ ta' €50,000. Il-konvenut iltaqa' ma' Kolsova quddiem l-għassa tal-Mellieħa u għaddielha l-flus ġo envelopp. L-għada, Lanina infuramathom li kellha xi problemi fil-kontijiet tal-bank u li kienu blukkjati;

g) Iżid illi Lanina u l-attur komplew jagħmlu aktar negozju flimkien mingħajr hu ma kien jaf xejn, fosthom kien hemm xi ħalib tat-trabi Babelac. Lanina ħajjritu jidħol fin-negozju tad-deheb għax il-qligħ kien tajjeb. Il-konvenut ma kellux biżżejjed flus biex jixtri d-deheb u għalhekk issellef €5,000 mingħand it-tifla tiegħu;

Illi fit-28 ta' Settembru ġie mitlub jiftaħ kont bankarju ġdid lil Lanina. L-għada kellu jerġa jiltaqa' ma persuna oħra, din id-darba bl-isem ta' Sveta quddiem l-għassa tal-Mellieħa u għaddilha €20,000 ġo envelopp u għarraf lil Lanina illi l-flus kienu għaddew;

h) Wara dan, hu u l-attur kellhom jippreparaw biex Lanina tiġi Malta fl-14 t'Ottubru 2015 u kellu jsib akkomodazzjoni għaliha għal-lejl wieħed biss. Wara xi jiem, qaltlu li għandha bżonn €5,000 oħra biex tixtri żewġt *container*s inbid u

bgħatilha l-flus fid-9 t'Ottubru bil-*Western Union* fuq isem Grigory Olegovich Lyubimov u anke' fuq isem Lanina, ftit wara inġibdu l-flus kemm minn naħa ta' Lyubimov u kemm minn naħa ta' Lanina;

Illi fil-11 ta' Ottubru 2015, Lanina kellha tibda l-vjaġġ tagħha minn Munich il-Germanja bil-karozza u l-konvenut kien qed jitkellem magħha fuq *facebook* iżda mbgħad il-kuntatt inqata'. Dak inhar filgħaixja fuq il-*facebook account* tiegħu jsib messaġġ li kien jgħid li Lanina ġiet arrestata u sabiex iċempel l-għassa ta' Munich. Mal-ewwel ħaseb li ġralha xi ħaġa għax qabel kienet qalet li kien hemm xi ħadd heddidha. Ftit tal-ħin wara terza persuna bdiet tikkomunika miegħu minn fuq il-profil ta' Lanina. Kif ġara hekk, kien pront ċempel lil Mario Tabone li kien Munich ħalli jinżel magħha bil-karozza sabiex javzah x'ġara u Tabone qallu li huwa ukoll kien irċieva l-istess messaġġ biex iċempel l-għassa. Tabone ikkuntatja l-għassa ta' Munich iżda weġbuh illi huma ma jikkuntatjaw lil hadd minn fuq *facebook*. Il-konvenut ikompli jixhed illi dak inhar stess għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaixja irċieva sms bil-kliem '*Help me'* iżda meta irrisponda lura ma rċieva l-ebda tweġiba. L-għada ċempel lil attur u ikkonfermalu illi anke hu rċieva l-istess messaġġ u meta reġa ċempel l-għassa avżawh illi dak l-sms huwa falz. Dak inhar ingħalaq il-profil ta' Lanina;

Meta gara hekk il-konvenut jgħid illi beża li se jiġrilhom xi ħaġa u filfatt kellem lil Buttigieg sabiex imorru għand il-Pulizija u jirrapurtaw x'ġara iżda Buttigieg ppropona li jistennew sal-14 ta' Ottubru u ċjoe meta kellha tasal Malta Lanina. Iżda Lanina baqgħet ma tfaċċatx. Fis-17 ta' Ottubru rċieva *friend request* minngħand ċertu waħda Olga Bella li bdiet tistaqsi fejn hu Mario Tabone u insistiet li dan Tabone kien seraq lil Lanina €350,000. Wara ftit tal-ħin żvelat illi kienet Larissa Lanina u meta staqsiha x'kien ġara, irrispondiet illi kien irnexxilha taħrab. Qaltlu li kollox se jitranġa u talbitu biex imur jgħix magħha. Il-konvenut aċċetta kemm il-darba tibgħatlu lura l-flus tal-attur. Stqarret li kellha imħabba kbira għalih iżda hu baqa jinsisti li jrid lura l-flus tal-attur għax kien inkwetat ħafna. Fic-*chat* illi esebixxa l-konvenut stess, juru li Lanina tgħid lil attur: "Me hope find good life with Anthony, I really love him"[15] u li tixtieq tibda ħajja ġdida miegħu ġewwa l-Ġermanja. Lanina bagħet tgħid li attur li kien se jirċievi kollox

[15] Fol 66 06/10/2015 fit-15.35

u biex jitla r-Russja biex jiffirma kuntratt personali. L-attur offra li ssir prokura iżda Lanina baqgħet tinsisti illi jekk ma jmurx ir-Russja, ix-xogħol mhux se jintbgħat. L-attur ma aċċettax u lanqas aċċetta l-offerta tagħha li jiltaqgħu Ruma;

i) Ftit tal-ġranet wara, Lanina talbet lill-konvenut biex jitla' Ruma sabiex jirranġaw kollox iżda dan m'aċċettax. Bdiet tgħidlu illi għandha tifla minn tiegħu iżda hu beda jinnega għax qatt ma kien iltaqa' magħha; Konsegwentament, il-partijiet irrapurtaw kollox lill-Pulizija u meta kienu d-depot, l-attur qallu sabiex iħassar ic-*chats* kollha iżda dan l-konvenut ma għamlux. Wara dan kollu, Lanina qaltilhom illi trid tiltaqa' magħhom ġewwa lukanda Malta flimkien ma' Mario Tabone nhar id-9 ta' Awwissu 2016 u l-konvenut avża lil Pulizija. La l-attur u lanqas Lanina ma tfaċċaw;

j) Illi waqt il-kontro-ezami l-konvenut jikkonferma illi kellu jkun hemm id-deheb fl-għamara li kien se jżomm l-attur stess għan-nom ta' Lanina. Jgħid illi m'għandu l-ebda dokument li juri illi dawn il-flus għaddew għand Lanina għax għaddihomla minn idejh għal idejn persuni minnha mibgħuta ġewwa l-Mellieħa. Jgħid ukoll illi Lanina kienet wegħditu relazzjoni intima u li l-mara tiegħu mhix konsapevoli ta' dan. Huwa innega dak li ġie ssuġġerit lilu fis-sens illi dawk l-ammonti kbar ta' flus tagħomlha għax Lanina wegħditu relazzjoni intima u wara qarraq bl-attur sabiex ikun jista' jġib dawk il-flus li tilef;

Mistoqsi għaliex l-attur kellu għalfejn jagħti l-flus lilu ħalli jgħaddihomlha hu u mhux jagħtihomla direttament lil Lanina, jgħid illi ma jafx u ġie suġġerit lilu illi ġara hekk biex ikun ikun jista jiltaqa' magħha u jkolu relazzjoni intima magħha. Jgħid ukoll illi lil Lanina qatt ma ltaqa magħha; li li għalhekk ma jistax ikun li għandu tifla minn tiegħu bħal ma allegat hi. Meta mistoqsi illi kien iltaqa' magħha l-Mellieħa rrisponda illi 'mela f'żewġt minuti tagħmel tarbija?'[16] u ċjoe indirettament ammetta li kien iltaqa' magħha. Wara ikkonferma illi ltaqa' ma' Lanina darbtejn il-Mellieħa;

k) Illi rigward l-aħħar irċevuta lill-attur li nħarġet mill-mara tal-konvenut, Marie Louise Mizzi xehedet illi lill-attur ratu biss darbtejn, id-darbtejn li huma kien mar

[16] Fol 161.

jagħti xi flus lir-raġel tagħha u darba minnhom tgħid li r-raġel tagħha ġegħlha tiffirmalu irċevuta għax hu kien xogħol. Qabel ħadet il-flus, staqsietu jekk qattx xtara mingħand dawn in-nies li tant klien qed jonfoq flus fin-negozju magħhom, wara ftit qallilha li kien jafhom u allura hija iffirmat l-irċevuta. Tgħid illi meta mar għandha, kien hemm ir-raġel tat-tifla u meta rah l-attur, inħasad u xħin ħarġu, qalilha biex ma tgħidilhom xejn fuq dan in-negozju. Ħassitha dubbjuża għax qisu kien hemm xi ħabi. Qabel telaq semmielha xi deheb li kienu xtraw u li kellu jasal moħbi fil-*container*s mad-drinks. Uriet it-tħassib tagħha li dan id-deheb ġej kontra l-liġi iżda qalilha li mhux suppost se jkun hemm illegalita;

Waqt il-kontro-eżami tgħid illi ma tafx dwar in-negozju li kien qed jagħmel żewġha. Kull ma taf illi kien xtara *air conditions* u ma waslux. Sa fejn taf hi, n-negozju kien qed jagħmlu mal-attur u ma xi nies fuq l-internet pero ma kinitx tidħol f'din l-affari għax ma kienitx taqbel li jsir negozju minn fuq l-internet. Tgħid li r-raġel kien qalilha illi dawk il-persuni li kienu qed ikellmuh fuq l-internet kienu qalulu biex joqgħod rappreżentant tagħhom u mbgħad kien ikkuntatjah l-attur sabiex jgħaddilu l-flus.  Mistoqsija jekk għandhiex xi dokumenti li juru li dawn il-flus għaddew għand Lanina tgħid illi ma tafx. Tammetti li żbaljat meta ffirmat l-irċevuta għax lilha u lil żewġha ġia kienu ġew ingannati minn l-istess nies li l-attur kien qed jgħaddilhom il-flus;

Illi rigward ic-*chats* li esebixxa l-konvenut, irrizulta illi donnu l-attur kien sejjer jaqsam il-qliegħ mal-attriċi meta qal: "*Mizzi is no problem we also have an agreement if he has a client and they are interested in anything he let me know and we split all profit not just the 10%*."[17] Mhux biss, imma anke Lanina suppost kienet sejra taqsam xi profit maghhom. Rigward id-deheb, Lanina tgħidlu illi kif jasal id-deheb "*give it to Mizzi to go change it in money. Your share, my share, Mizzi share are all in the 10 container not in the gold.*"[18] Deher fic-*chats* ukoll illi l-attur qal: "*if we manage to sell all the containers of whisky, your share from my side will be quite good. You will make me a monument*"[19];

[17] Fol 31.
[18] Fol 32, 28/09/2015 – 18.22.
[19] Fol 40, 30/09/2015 fil-17.29.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel eċċezzjoni

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jgħidu li m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi. Din it-tip ta' eċċezzjoni tista' tinftihem b'modi differenti. Tista' tirreferi għall-kwalita` ġuridika tal-konvenut, fis-sens li dan ikun qiegħed jilqa' għat-talba attriċi billi jsostni li huwa estranju għan-negozju ġuridiku pretiż li jkun sar mill-attur billi, per eżempju, huwa ma jkunx ikkuntratta f'ismu personali imma f'isem soċjeta` kummerċjali. F'kawżi kontra l-amministrazzjoni statali, tipikament kap ta' dipartiment li jiġi mħarrek isostni li ma kellux jiġi mħarrek hu imma l-kap ta' xi dipartiment ieħor inkella l-Avukat Generali. F'dan is-sens l-eċċezzjoni titratta l-kwalita` tas-suġġett ossia tal-parti – ċjoe` tal-konvenut;

Illi mbagħad f'sens ieħor, din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni tolqot il-pożizzjoni tal-konvenut vis-à-vis l-oġġett tan-negozju sostantiv dedott fil-ġudizzju mill-attur;

Illi l-verifika jekk il-konvenut għandux x'jaqsam man-negozju dedott kontrih fil-ġudizzju mill-attur trid issir biss fl-astratt u b'mod ipotetiku. Il-Qorti, hija u tiddelibera dwar l-eċċezzjoni, trid isserraħ biss fuq dak li l-attur jallega fid-domanda, u mhux fuq jekk fil-fatt humiex fondati; fi kliem ieħor jekk humiex veri jew le. Dan l-eżami jsir iktar tard. F'dan l-istadju, id-domanda tal-attur tiġi ammessa fil-konfront tal-konvenut għall-mument biss u proviżorjament - *si vera sint exposita*. Fi kliem ieħor il-Qorti trid tagħmel din il-mistoqsija: fil-każ li l-premessi tat-talba jew talbiet tal-attur jirriżultaw minnhom, il-konvenut għandu jwieġeb għalihom jew le?;

Illi minn riċerka li rnexxielha tagħmel din il-Qorti, anke jekk fiż-żmien tassew

limitat li kellha għad-disposizzjoni tagħha minħabba l-volum kbir ta' kawżi li għandha pendenti għas-sentenza quddiemha, is-sentenza li għamlet l-aħjar espożizzjoni tal-figura tal-leġittimu kontradittur hija dik mogħtija fil-5 t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Frankie Refalo v Jason Azzopardi** ippreseduta mill-Onor. Prim Imħallef Joseph Said Pullicino – sentenza spiss iċċitata fil-ġurisprudenza sussegwenti:

> "Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika **prima facie jekk il-persuna ċitata fil-gudizzju kienetx materjalment parti** fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> "Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.
>
> "Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.
>
> "Konsidrata f'dawn it-termini, is-sentenza preliminari, li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur ta' l-attur, tirriżulta waħda ġusta, inkwantu l-fatti kif jirriżultaw fl-eżami limitat li l-ewwel Qorti neċessarjament kellha tagħmel, kienu pjenament jiġġustifikaw l-

> konkluzzjoni li l-konvenut appellant kellu għalxiex jirrispondi għat-talbiet attriċi billi dawn kienu adegwatament jistabilixxu li hu kien intrometta ruħu fin-negozju li minnu oriġinat l-azzjoni. Il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabilita` fuq il-konvenut appellant, hu propju l-mertu tal-kawża li għad irid jigi epurat u deciz. F'dan ir-rigward il-jeddijiet ta' kull parti in kawża kienu u għadhom impregudikati kif għadhom impreġudikati l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha avanzati mill-istess konvenut appellant li dwarhom l-ewwel Qorti għad trid tiddelibera";

Illi minn din is-sentenza, kif ukoll mill-kunsiderazzjonijiet li għadha kif għamlet din il-Qorti, jistgħu jinstiltu dawn il-linji-gwida dwar kif għandha tiġi ttrattata l-eċċezzjoni li konvenut ma jkunx leġittimu kontradittur:

(1) l-unika indaġni li trid tagħmel il-Qorti hi jekk, fl-ipotesi li l-premessi tar-rikors ġuramentat tal-attur huma fondati, dawn jistgħux jolqtu lill-konvenut. Hekk per eżempju, azzjoni rivendikatorja istitwita kontra inkwilin ma tista' qatt tirnexxi anke jekk l-attur iġib l-aqwa prova li hu s-sid u għalhekk bla dubbju l-inkwilin imħarrek bħala konvenut ma jista' qatt ikun leġittimu kontradittur.

(2) kull ma jrid jiġi stabbilit hu jekk il-konvenut kienx materjalment – u għalhekk mhux legalment ukoll – parti fin-negozju traċċjat fil-premessi.

(3) id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l- eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.

(4) il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabilita' fuq il-konvenut appellant, jibqa' impreġudikat, għax jifforma parti mill-mertu tal-kawża

(5) illi jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċċitat ma jfissirx lanqas ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici

kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll ċitat bhala leġittimu kontradittur fil-kawża;

Illi m'hemmx dubbju li jekk jiġu ppruvati l-premessi tar-rikors ġuramentat, dawn jistgħu jintlaqgħu fil-konfront tal-konvenuti. Għalhekk relazzjoni ġuridika hemm;

## ANALIŻI TAL-PROVI

Illi t-talba tas-soċjeta attriċi hija bbażata fuq il-premessa li tat lill-konvenuti somma flus bħala ħlas ta' merkanzija li l-istess konvenuti kellhom jikkunsinnawlha, iżda naqsu li jagħmlu dan. Jirriżulta mill-provi li l-ftehim kemm dwar il-prezz kif ukoll dwar il-merkanzija saret bejn l-attriċi u persuna Russa jisimha Larisa Lanina li kienet qiegħdha tinnegozja taħt kumpannija jisimha "Global Tech". In-negozjati saru bejn Anthony Buttigieg, direttur tal-attriċi, u Lanina permezz ta' numru konsiderevoli ta' *chats*. *Printout* ta' dawn iċ-chats ġew esibiti mill-konvenut. L-awtentiċita tagħhom ġiet impliċitament aċċettata mill-attriċi billi din ma talbitx li jiġu verifikati imma sostniet li kien hemm partijiet miċ-*chat* nieqsa, mingħajr iżda ma tat ħjiel ta' x'kien hemm allegatament nieqes. Partikolarment m'allegatx li fil-partijiet "neqsin" kien hemm xi referenza għall-konvenut. Il-konvenut ma ġiex mistoqsi kif dawn iċ-*chats* ġew fil-pussess tiegħu. Ic-*chats* esibiti jibdew fit-28 ta' Settembru 2015 u jispiċċaw fit-12 t'Ottubru 2015.[20] Skont il-konvenut, Buttigieg u hu ltaqgħu l-ewwel darba flimkien fit-12 ta' Settembru 2015. Kienet Lanina li qaltlu b'Buttigieg. Giet esibita *invoice*[21] mibgħuta mill-indirizz elettroniku lartanina@yandex.com datata 3 ta' Settembru 2015 bil-prezz tal-coca cola ta' €47,485.60. Din l-invoice ġiet iffirmata mill-konvenut "representing seller" u minn Buttigieg "on behalf of E.L.V.". M'hemmx data ta' meta saru l-firem u preżumibilment fit-12 ta' Settembru 2015 meta l-attur għamel l-ewwel pagament

[20] Fol 28 sa 105 tal-proċess

[21] Fo 106

– dak ta' €47,486.00[22]. Ma kienx il-konvenut li ntroduċa lil Lanina ma' Buttigieg. Buttigieg stqarr li għall-ewwel innegozja ma' Lanina biss u sussegwentement ukoll mal-konvenut. Jirriżulta li l-ftehim dwar il-prezz u l-kunsinna tal-merkanzija sar qabel ma' Buttigieg sar jaf lill-konvenut u saħansitra qabel iċ-*chats* esibiti. Għalhekk almenu sa dan l-istadju ma jirriżultax li kien hemm xi nvolviment tal-konvenut;

Illi l-konvenut ma rċiviex is-somma msemmija f'ismu personali. Fl-irċevuta ffirma li rċieva l-flus għan-nom tas-"seller". Dan il-fatt ma jirrendiħx parti mill-ftehim tal-bejgħ li kien sar bejn l-attriċi u Lanina jew is-soċjeta li kienet talvolta tirrappreżenta. Fil-konfront tiegħu in-negozju in kwistjoni jibqa' *res inter alios acta*. Waqt it-trattazzjoni bil-fomm, il-wisq abbli avukat patroċinatur tal-attriċi jsostni li l-konvenut kien komparteċipi fi frodi li Lanina kienet qiegħdha tikkommetti mal-attriċi; li kien jaf li ma kellha l-ebda intenzjoni li tibgħat il-merkanzija; li mar jieħu l-flus mingħand l-attriċi sabiex jitħallas hu dik is-somma li hu kien ħallas għall-*aircondition* li qatt ma rċieva mingħand Lanina; u li l-konvenut kellu relazzjoni intima magħha. Mill-kumpless tal-provi ma jirriżultax li l-konvenut qatt iltaqa' ma' Lanina, għalkemm webblitu biex ikollu x'jaqsam magħha. Iltaqax magħha jew le ftit għandu rilevanza għall-fini ta' din il-kawża, għajr bħala possibbli motivazzjoni biex jixxierek magħha biex iqarrqu bl-attriċi. B'danakollu l-attriċi ma ġiebet l-ebda prova, l-anqas sal-grad tal-probabbli, li kien hemm xi ftehim bħal dan. Il-Qorti lanqas tqis bħala prova l-istqarrija tal-konvenut li għadda l-flus lil persuni mibgħutin minn Lanina mingħajr riċevuta, għalkemm dan kien aġir li wieħed ma jistenniex minn negozjant. Il-Qorti ssibha ferm inverosimili li l-konvenut l-ewwel iffroda lill-attriċi imbagħad kien pront jinsisti li l-każ jiġi rrappurtat lill-pulizija minkejja l-eżitazzjoni tal-attur;

Illi b'danakollu, ukoll li kieku l-attriċi forniet prova bħal din, din il-Qorti ma kinitx tista' tilqalha t-talbiet kif esposti fir-rikors ġuramentat, għaliex it-talbiet mhumiex ibbażati fuq allegazzjoni ta' frodi iżda fuq ksur t'obbligazzjoni, allegatament assunta mill-konvenut, biex jikkunsinnalha l-merkanzija. Huwa notorju li l-Qorti f'sede superjuri trid toqgħod rigorożament għal-limiti tal-kontestazzjoni, fi kliem ieħor li żżomm ruħha fl-arġini tad-dedott u tal-mitlub, u

[22] Fol 3

li jekk ma tagħmilx dan tippekka bid-dnub tal-*extra petita* li jista' jwassal għan-nullita tas-sentenza. Il-Qorti lanqas tista' tilqa' t-talba jekk din, għalkemm ma tkunx tirriżulta mill-*causa petendi*, ikun tirriżulta xi jedd ieħor. Kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, tas-6 ta' Novembru, 1961 in re: **Professur Joseph Galea*nomine* -vs- Dr. Antonio Bonnici *nomine***, illi "hemm l-*extra petita* jew *ultra petita* meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avanzata mill-attur azzjoni jew domanda oħra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-deċiżjoni tmur aktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avanzata";

Illi l-istess kunsiderazzjonijiet suesposti japplikaw *mutatis mutandis* għall-pagamenti sussegwenti li għamlet l-attriċi. Barra minn hekk, fir-rigward tan-negozju konness ma' dawn il-pagamenti sussegwenti, il-konvenut mhux talli ma kienx komparteċipi ma' Lanina talli daħal bi sħab mal-attriċi, tant li ħareġ ukoll parti mill-flus rikjesti huwa stess anke wara li rrikorra għall-assistenza ta' bintu. Fost il-merkanzija li suppost kellha tintbagħat kellu jkun hemm deheb moħbi; b'dan kienu jafu kemm Buttigieg kif ukoll il-konvenut.

Illi jidher li Lanina rnexxielha timmanipula kemm lil Buttigieg kif ukoll lill-konvenut; u daħket bihom it-tnejn. Kemm Buttigieg kif ukoll il-konvenut kienu jafu li qegħdin jilgħabu man-nar iżda għażlu li jidħlu f'sogru kbir ħafna, rażenti l-illegalita, biex kif għadu jgħid il-Malti anke wara l-introduzzjoni tal-munita ewro, idawwru Lira ta' malajr. Biex jilħqu l-għan tagħhom kemm Buttigieg kif ukoll il-konvenut għamew u kkommettew atti kemmxejn azzardati. Dan iżda ma jintitolax lill-attriċi li ddur fuq il-konvenut, almenu mhux fil-parametri tal-azzjoni kif minnha mpustata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-każ billi:

(1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti

(2) Tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' attriċi, bl-ispejjeż a kariku tagħha.

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF